Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2488/2000**

ta' l-10 ta' Novembru 2000

li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nri 1294/1999 u 607/2000 u Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 926/98

(ĠU L 287, 14.11.2000, p. 19)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1205/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001	L 163	14	20.6.2001
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2006 tas-16 ta' Jannar 2006	L 327M	548	5.12.2008
►**M3**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008

Emendat minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 342 (68/2006)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2488/2000

ta' l-10 ta' Novembru 2000

li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nri 1294/1999 u 607/2000 u Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 926/98

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Posizzjoni Komuni 2000/599/CFSP tad-9 ta' Ottubru 2000 dwar appoġġ għar-RFJ demokratika u t-tneħħija minnufih ta' xi miżuri restrittivi ([1]), u għall-Posizzjoni Komuni 2000/696/CFSP ta' l-10 ta' Novembru 2000 dwar iż-żamma ta' miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra is-Sur Milosevic u persuni assoċjati miegħu ([2]),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li:

(1) Fil-15 ta' Ġunju 1999, il-Kunsill addotta r-Regolament (KE) Nru 1294/1999 li jikkonċerna l-iffriżar tal-fondi u l-projbizzjoni fuq l-investiment dwar ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (RFJ) ([3]) minħabba l-vjolazzjoni kontinwa tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali umanitarja mill-Gvern ta' dak il-pajjiż.

(2) Wara l-elezzjonijiet fl-24 ta' Settembru 2000, President ġdid tar-RFJ kien elett b'mod demokratiku u maħluf formalment, jiġifieri s-Sur V. Kostunica.

(3) Fid-9 ta' Ottubru 2000, il-Kunsill approva dikjarazzjoni fuq ir-RFJ li titlob it-tneħħija tas-sanzjonijiet kollha imposti fuq ir-RFJ mill-1998, bl-eċċezzjoni tad-disposizzjonijiet li jaffettwaw il-President tar-RFJ ta' qabel, is-Sur Slobodan Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu, peress li jkomplu jirrappreżentaw theddida għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija fir-RFJ.

(4) Għalhekk, l-iskop tad-disposizzjonijiet tal-qafas legali preżenti li jikkonċernaw l-iffriżar tal-fondi miżmuma barra mill-Gvernijiet tar-RFJ u tar-Repubblika tas-Serbja għandhom ikunu limitati li jkopru lis-Sur Milosevic u l-persuni assoċjati miegħu.

(5) Dawn il-miżuri jaqgħu fi ħdan l-iskop tat-Trattat.

(6) Għalhekk, u bil-għan li jiġi evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, il-leġiżlazzjoni Komunitarja hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija safejn għandu x'jaqsam it-territorju tal-Komunità. Territorju bħal dan huwa meqjus li jħaddan, għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-territorji kollha ta' l-Istati Membri li għalihom hu applikabbli dan it-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet msemmija fit-Trattat.

(7) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, ikollhom is-setgħa li jassiguraw konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(8) Hemm il-bżonn għall-Kummissjoni u l-Istati Membri li jinfurmaw lil xulxin bil-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u b'tagħrif

([1]) ĠU L 261, tal-14.10.2000, p. 1.
([2]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) ĠU L 153, tad-19.6.1999, p. 63. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1440/2000 (ĠU L 161, 1.7.2000, p. 68).

▼B

rilevanti iehor għad-disposizzjoni tagħhom fuq dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-obbligi eżistenti fejn għandhom x'jaqsmu xi oġġetti.

(9) Huwa mixtieq li l-penalitajiet għall-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu ikunu imposti mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(10) Għar-raġunijiet tat-trasparenza u s-sempliċità, id-disposizzjonijiet ewlenija tar-Regolament (KE) Nru 1294/1999 ġew inkorporati f'dan ir-Regolament u għalhekk ir-Regolament ta' qabel għandu jiġi mħassar. Għall-istess raġunijiet, ir-Regolament (KE) Nru 607/2000 ([1]) u l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 926/98 ([2]) għandhom ukoll jiġu mħassra.

(11) Għandha ssir proċedura għall-emendament ta' l-Annessi ma' dan ir-Regolament u għall-għoti ta' eżenzjonijiet speċifiċi għall-għanijiet strettament umanitarji.

(12) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jaħseb għall-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri t'implimentazzjoni mgħotija lill-Kummissjoni ([3]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-fondi kollha miżmuma barra t-territorju tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja fil-pussess tas-Sur Milosevic u tal-persuni naturali assoċjati miegħu, kif imniżżel fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. Ebda fondi m'għandhom jkunu disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna msemmija fil-paragrafu 1.

3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

— fondi jfissru: attiv finanzjaru u benfiċċji ekonomiċi ta' kwalunkwe xorta, inklużi, imma mhux neċessarjament limitati għal, flus kontanti, ċekkijiet, drittijiet fuq flus, mandati, *"money orders"* u strumenti oħra ta' ħlas; depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entijiet oħrajn, bilanċi fuq il-kontijiet, djun u obbligazzjonijiet tad-djun; garanziji negozjati pubblikament jew privatament u strumenti tad-djun, inklużi *stocks* u ishma, ċertifikati li jirrapreżentaw il-garanziji, titoli, noti, *warrants*, obbligazzjonijiet, kuntratti derivattivi; l-interessi, id-dividendi jew dħul ieħor fuq jew valur minn jew iġġenerat mill-attiv; kreditu, id-dritt ta' tpaċija, garanziji, titoli eżegwibbli jew rabtiet finanzjarji oħrajn; ittri ta' kreditu, poloz, atti ta' bejgħ; dokumenti li juru dritt fil-fondi jew ir-riżorsi finanzjarji, u kwalunkwe strument ieħor ta' finanzjament fuq l-esportazzjoni;

— l-iffriżar tal-fondi għandu jfisser: il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta' jew negozju tal-fondi f'kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe tibdil fil-volum tagħhom, l-ammont, il-post, il-proprjetà, il-pussess, il-karattru, id-destinazzjoni jew tibdil ieħor li jagħmel possibbli l-użu tal-fondi, inkluż t-tħaddim tal-"portfolio", ħlief li kwalunkwe interessi jew dħul riżultanti jew kwalunkwe kapital li jiħallas lura awtomatikament meta jimmaturaw kwalunkwe fondi għandhom jitħallsu u jinżammu f'kont iffriżat.

([1]) ĠU L 73, tat-22.3.2000, p. 4. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2227/2000 (ĠU L 261, 14.10.2000, p. 3).
([2]) ĠU L 130, ta' l-1.5.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

Artikolu 2

1. Il-parteċipazzjoni, koxjentement u intenzjonalment, f'attivitajiet relatati, li l-oġġett jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, li n-negozji jew l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 jiġu promossi jew li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu evitati għandha tkun ipprojibita.

2. Kwalunkwe informazzjoni li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qed ikunu, jew kienu evitati għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kif imniżżla fl-Anness II u/jew lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli li jikkonċernaw ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 284 tat-Trattat, il-banek, istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, kumpaniji ta' l-assigurazzjoni, u korpi oħrajn u persuni għandhom:

(a) jipprovdu minnufih kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilta l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-kontijiet u l-ammonti ffirżati skond l-Artikolu 1:

— lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri mniżżla fl-Anness II fejn huma residenti jew jinstabu, u

— direttament jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti lill-Kummissjoni,

(b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti mniżżla fl-Anness II fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni mogħtija jew irċevuta skond dan l-Artikolu għandha tiġi wżata biss għall-iskopijiet li għalihom kienet mogħtija jew irċevuta.

3. Kwalunwke informazzjoni direttament irċevuta mill-Kummissjoni għandha tkun magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati.

Artikolu 4

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet imsemmija hawn taħt ħlief dawk imsemmija fil-paragrafu (ċ) għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' tmexxija msemmija fl-Artikolu 5(2).

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li:

(a) temenda l-Anness I, billi tikkunsidra d-deċiżjonijiet li jimplimentaw il-Posizzjoni Komuni 2000/696/CFSP,

(b) fuq bażi eċċezzjonali, li tagħti eżenzjonijiet lill-Artikolu 1 għal skopijiet strettament umanitarji.

(ċ) fuq il-bażi ta' l-informazzjoni fornita mill-Istati Membri, li temenda t-tagħrif fuq awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri mniżżla fl-Anness II.

3. Kwalunkwe talba minn persuna għall-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 2(b) jew għal emenda ta' l-Anness I għandha ssir permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri mniżżla fl-Anness II.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jivverifikaw, bl-akbar reqqa possibli, l-informazzjoni mogħtija mill-persuni li jagħmlu talba.

▼B

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit taħt ir-Regolament (KE) Nru 2271/96.

2. Fejn hemm referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' 10 ġranet tax-xogħol.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 6

1. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jeżamina l-kwistjonijiet kollha fuq l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jistgħu jitqajjmu jew mill-president jew minn rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Il-Kumitat għandu regolarment jirrevedi l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tar-reviżjoni, tirraporta regolarment lill-Kunsill.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u jagħtu lil xulxin bl-informazzjoni rilevanti għad-dispożizzjoni tagħhom rigward dan ir-Regolament, b'mod partikulari informazzjoni rċevuta skond Artikolu 3, u dwar il-vjolazzjoni u problemi ta' infurzar jew sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

Artikolu 8

Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi x'sanzjonijiet għandhom jiġu imposti meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jinkisru. Sanzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi. Qabel l-adozzjoni, fejn meħtieg, ta' kwalunkwe leġislazzjoni b'dan il-għan, is-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jinkisru għandhom ikunu dawk determinati mill-Istati Membri skond Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1294/1999.

Artikolu 9

Ir-Regolamenti (KE) Nri 1294/99 u 607/2000 u l-Artikolu 2 tar-Regolament 9 (KE) Nru 926/98 għandhom ikunu mħassra.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu japplika:

— fi ħdan it-territorju tal-Komunità inkluża l-arja tagħha,

— abbord kwalunkwe inġenju ta' l-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru,

— għal kwalunkwe persuna tkun fejn tkun li hija ċittadin ta' Stat Membru,

— għal kwalunkwe korp li hu inkorportat jew ikkostitwit taħt il-liġi ta' Stat Membru.

▼B

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-interezza tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

ANNESS I

Milosevic, Slobodan	Ex-President tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, imwieled f'Pozarevac, Ir-Repubblika tas-Serbja, nhar l-20 ta' Awissu 1941
Gajic-Milosevic, Milica	Mart ibnu, imwielda fl-1970
Markovic, Mirjana	Martu, imwielda nhar l-10 ta' Lulju 1942
Milosevic, Borislav	Ħuħ, imwieled fl-1936
Milosevic, Marija	Bintu, imwielda fl-1965
Milosevic, Marko	Ibnu, imwieled nhar it-2 ta' Lulju 1974
Milutinovic, Milan	President tas-Serbja, imwieled f'Belgrad, Repubblika tas-Serbja, nhar id-19 ta' Diċembru 1942
Ojdanic, Dragoljub	Ex-Ministru tad-Difiża, imwieled f'Ravni, Repubblika tas-Serbja, nhar l-1 ta' Ġunju 1941
Sainovic, Nikola	Ex-Deputat Prim Ministru, imwieled f'Bor, Repubblika tas-Serbja, nhar is-7 ta' Diċembru 1948
Stojilkovic, Vlajko	Ex-Ministru ta' l-Intern, imwieled f'Mala Krsna, Repubblika tas-Serbja, fl-1937
Mrksic, Mile	Akkużat mit-Tribunal Internazzjonali tal-Kriminal għall-ex Jugoslavja (IT-95-13a), imwieled viċin Vriginmost, il-Kroazja, nhar l-20 ta' Lulju 1947
Radic, Miroslav	Akkużat mit-Tribunal Internazzjonali tal-Kriminal għall-ex Jugoslavja (IT-95-13a), imwieled nhar l-1 ta' Jannar 1961
Sljivancanin, Veselin	Akkużat mit-Tribunal Internazzjonali tal-Kriminal għall-ex Jugoslavja (IT-95-13a), imwieled viċin Zabljak, Ir-Repubblika tal-Montenegro, nhar it-13 ta' Ġunju 1953'

▼B

ANNESS II

Lista ta' l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 2(2), 3 u 4

IL-BELĠJU

Ministère des finances
"Trésorerie"
Avenue des Arts 30
B-1040 Bruxelles
Fax (32 2) 233 75 18

▼M3

IL-BULGARIJA

Министерство на финансите
ул. "Г.С. Раковски" № 102
София 1000
Тел: (359-2) 985 91
Факс: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg
Ministeru tal-Finanzi
102 Triq "G.S. Rakovsky"
Sofija 1000
Tel.: (359-2) 985 91
Fax: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg

▼A1

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Ministerstvo financí
Finanční analytický útvar
P.O. BOX 675
Jindřišská 14
111 21 Praha 1
Tel.: +420 2 57 044 501
Fax.: +420 2 57044502

▼B

ID-DANIMARKA

Erhvervsfremmestyrelsen
Langelinie Allé 17
DK-2100 København Ø
Tlf. (45) 35 46 60 00
Fax (45) 35 46 62 03

IL-ĠERMANJA

▼M2
▼C1

Deutsche Bundesbank
Servicezentrum Finanzsanktionen
D-80281 München
Tel: (49-89) 28 89 38 00
Fax: (49-89) 35 01 63 38 00

▼A1

L-ESTONJA

Finantsinspektsioon
Sakala 4
15030 Tallinn
Tel: +372 66 80 500
Fax: +372 66 80 501

▼B

IL-GREĊJA

Is-Segretarju Ġenerali għar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali tal-Ministeru ta' l-Ekonomija Nazzjonali
Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni dwar l-Ekonomija u l-Kummerċ
Director V. Voutsinas
Ermou and Cornarou 1
GR-105 63 Athens
Tel. (301) 32 86 431-32
Fax (301) 32 86 434

L-ISPANJA

Ministerio de Economía
Dirección General de Comercio e Inversiones
Paseo de la Castellana, 162
E-28046 Madrid
Tel.: (34 91) 349 39 83
Fax: (34 91) 349 35 62
Dirección General del Tesoro y Política Financiera
Paseo del Prado, 6
E-28014 Madrid
Tel.: (34 91) 209 95 11
Fax: (34 91) 209 96 56

FRANZA

Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie
Direction du Trésor
Bureau E1
139, rue du Bercy
F-75572 Paris-cedex 12 SP

L-IRLANDA

L-Artikli 2(2) u 3.

Central Bank of Ireland
Financial Markets Department
Dame Street
Dublin 2
Ireland
Tel. (353 1) 671 66 66
Artikolu 4 (2).

Department of Foreign Affairs
Bilateral Economic Relations Section
76-78 Hartcourt Street
Dublin 2
Ireland
Tel. (353 1) 408 24 92

L-ITALJA

Ministero del Commercio estero - ROMA
Gabinetto
Tel. (39 06) 59 93 23 10
Fax (39 06) 59 64 74 94

▼A1

ĊIPRU

Υπουργείο Εξωτερικών
Λεωφόρος Προεδρικού Μεγάρου
1447 Λευκωσία
(Ministry of Foreign Affairs Presidential Palace Avenue 1447 Nicosia)
Tel: +357-22-300600
Fax: +357-22-661881
Γενικός Εισαγγελέας της Δημοκρατίας
Οδός Απελλή Αρ. 1

▼A1

1403 Λευκωσία
(Attorney General of the Republic 1 Apellis Street 1403 Nicosia)
Tel: +357-22-889100
Fax: +357-22-665080

IL-LATVJA

Latvijas Republikas Ārlietu ministrija
Brīvības bulvāris 36
Rīga
LV 1395
Tel: +371 7016201
Fax: +371 7828121

IL-LITWANJA

Lietuvos Respublikos užsienio reikalų ministerija
J. Tumo-Vaižganto 2
LT-2600 Vilnius
Tel: +370 5 236 24 44
Fax. +370 5 231 30 90

▼B

IL-LUSSEMBURGU

Ministère des affaires étrangères
Direction des relations économiques internationales et de la coopération
BP 1602
L-1016 Luxembourg

▼A1

L-UNGERIJA

Pénzügyminisztérium
József nádor tér 2-4.
1051 Budapest
Tel: +36-1-327 2100
Fax: +36-1-318 2570

MALTA

Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet
Direttorat ta' l-Affarijiet Multilaterali
Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Palazzo Parisio
Triq il-Merkanti
Valletta CMR 02
Tel: +356 21 24 28 53
Fax: +356 21 25 15 20

▼B

L-OLANDA

▼M2
▼C1

Minister van Financiën
Directie Financiële Markten/Afdeling Integriteit
Postbus 20201
2500 EE Den Haag
The Netherlands
Telefoon: (31-70) 342 8997
Telefax: (31-70) 342 7984

▼B

L-AWSTRIJA

Bundesministerium für wirtschaftliche Angelegenheiten
Abteilung II/A/2

▼B

Landstrasser Hauptstraße 55-57
A-1030 Wien
Österreichische Nationalbank
Otto Wagnerplatz 3
A-1090 Wien
Tel. (43 1) 40 420

▼A1

IL-POLONJA

Ministerstwo Spraw Zagranicznych
Departament Prawno - Traktatowy
Al. J. Ch. Szucha 23
PL-00-580 Warszawa
Tel: +48 22 523 93 48
Fax: +48 22 523 91 29

▼B

IL-PORTUGALL

Ministério das Finanças
Direcção-Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais
Avenida Infante D. Henrique, n.º 1C, 2.º
P-1100-273 Lisboa

▼M3

IR-RUMANIJA

Ministerul Afacerilor Externe
Aleea Alexandru, nr. 31
Sector 1, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 2183
Fax: (40) 21 319 2226
E-mail: cabinet@mae.ro
Ministerul Finanţelor Publice
Strada Apolodor nr. 17,
Sector 5, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 9743
Fax: (40) 21 312 1630
E-mail: cabinet.ministru@mfinante.ro

▼A1

IS-SLOVENJA

Artikoli 2(2), u 3:

Banka Slovenije
Slovenska 35
1505 Ljubljana
Tel: +386 (1) 471 90 00
Fax: +386 (1) 251 55 16
http://www.bsi.si

IS-SLOVAKKJA

Ministerstvo financií
Štefanovičova 5
817 82 Bratislava
Tel: +421 2 5 958 2201
Fax: +421 2 5 249 3531

▼B

IL-FINLANDJA

Ulkoasiainministeriö
PL 176
FIN-00161 Helsinki
Utrikesministeriet
PB 176
FIN-00161 Helsingfors

▼B

L-IŻVEZJA

▼M2
▼C1

L-Artikolu 2(2)

Rikspolisstyrelsen
Box 12256
SE-102 26 Stockholm
Tfn (46-8) 401 90 00
Fax (46-8) 401 99 00
L-Artikolu 3

Finansinspektionen
Box 6750
SE-113 85 Stockholm
Tfn (46-8) 787 80 00
Fax (46-8) 24 13 35
L-Artikolu 4(3)

Försäkringskassan
SE-103 51 Stockholm
Tfn (46-8) 786 90 00
Fax (46-8) 411 27 89

▼B

IR-RENJU UNIT

▼M2
▼C1

Bank of England
Sanctions Emergency Unit
London EC2R 8AH
United Kingdom
Tel. (44-207) 601 46 07
Fax (44-207) 601 43 09
HM Treasury
International Financial Services
Parliament Street
London SW1P 3AG
United Kingdom
Tel. (44-207) 207 55 50
Fax (44-207) 207 43 65
Għal Gibralter
Ernest Mon
Chief Secretary
Government Secretariat
No. 6 Convent Place
Gibraltar
United Kingdom
Tel. (350) 75707
Fax (350) 587 5700